

31998D0743

31.12.1998

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 358/1

## ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-21 ta' Diċembru 1998

dwar id-dispożizzjonijiet dettaljati li jikkonċernaw il-komposizzjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju

(98/743/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

bħala parti minn sorveljanza multilaterali u linji gwidi ekonomiċi wiesa' mniżżla fl-Artikolu 103 tat-Trattat, u għad-deċiżjonijiet meħtieġa bħala parti mill-proċedura ta' l-iżbilanċ eċċessiv imniżżla fl-Artikolu 104ċ tat-Trattat; billi minħabba n-natura u l-importanza ta' dawn il-kompiti, huwa essenzjali li l-membri tal-Kumitat u membri alternattivi jiġu magħżula minn fost esperti li jipposedu kompetenza straordinarja fil-qasam ekonomiku u finanzjarju;

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 109ċ(3) miġjub fih,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni <sup>(1)</sup>,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew <sup>(2)</sup>,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Monetarju <sup>(3)</sup>,

(1) Billi t-Trattat jipprovdi li Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju għandu jitwaqqaf fil-bidu tat-tielet stadju ta' l-unjoni ekonomika u monetarja;

(2) Billi t-Trattat jirrikjedi li l-Kunsill jadotta dispożizzjonijiet dettaljati li jikkonċernaw il-komposizzjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju; billi kull wieħed mill-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-Bank Ċentrali Ewropew għandhom jaħtru mhux iżjed minn żewġ membri tal-Kumitat;

(3) Billi l-kompiti tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju huma mniżżla fl-Artikolu 109ċ(2) tat-Trattat; billi bħala parti minn dawn il-kompiti l-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju għandu jżomm taħt reviżjoni is-sitwazzjoni ekonomika u finanzjarja ta' l-Istati Membri u tal-Komunità u għandu jirrapporta regolarment dwarhom lill-Kunsill u lill-Kummissjoni b'mod partikolari dwar ir-relazzjonijiet finanzjarji ma' pajjiżi terzi u ma' istituzzjonijiet internazzjonali; billi l-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju għandu jikkontribwixxi għall-preparazzjoni tax-xogħol tal-Kunsill, *inter alia*, għar-rakomandazzjonijiet meħtieġa

(4) Billi fir-Resoluzzjoni <sup>(4)</sup> tiegħu dwar il-Koordinazzjoni tal-Policy Ekonomika fi stadju 3 tal-EMU, il-Kunsill Ewropew tal-Lussemburgu tat-12 u t-13 ta' Diċembru 1997 ikkonkluda li l-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju għandu jipprovdi l-istruttura li fiha d-djalogu bejn il-Kunsill u l-Bank Ċentrali Ewropew jista' jiġi ppreparat u komplut fil-livell ta' uffiċjali għolja; billi dawn l-uffiċjali għandhom jiġu minn banek ċentrali nazzjonali u l-Bank Ċentrali Ewropew kif ukoll minn amministrazzjonijiet nazzjonali;

(5) Billi "amministrazzjoni" tirreferi għas-sevizzi tal-Ministri li jattendu l-Kunsill meta jiltaqgħu fil-komposizzjoni tal-Ministri Ekonomiċi u Finanzjarji;

(6) Billi s-sħubija tal-Kumitat ta' l-uffiċjali mill-Bank Ċentrali Ewropew u banek ċentrali nazzjonali għandha tkun min-għajr preġudizzju għall-Artikolu 107 tat-Trattat,

<sup>(1)</sup> ĠU C 125, tat-23.4.1998, p. 17.

<sup>(2)</sup> Opinjoni mogħtija fis-26 ta' Novembru 1998 (għadha mhux pubblika fil-Ġurnal Uffiċjali).

<sup>(3)</sup> Opinjoni mogħtija fis-17 ta' Novembru 1998 (għadha mhux pubblika fil-Ġurnal Uffiċjali).

<sup>(4)</sup> ĠU C 35, tat-2.2.1998, p. 1.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 4

*Artikolu 1*

L-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-Bank Ċentrali Ewropew għandhom kull wieħed jaħtar żewġ membri tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju. Jistgħu wkoll jahtaru żewġ membri alternattivi oħra tal-Kumitat.

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

*Artikolu 2*

Il-membri tal-Kumitat u l-alternati għandhom jiġu magħżula minn fost esperti li jippossjedu kompetenza straordinarja fil-qasam ekonomiku u finanzjarju.

Għandu jkollha effett mill-1 ta' Jannar 1999.

*Artikolu 3*

Iż-żewġ membri appuntati mill-Istati Membri għandhom jiġu magħżula rispettivament minn fost uffiċjali anzjani mill-amministrazzjoni u l-bank ċentrali nazzjonali. L-alternati għandhom jiġu magħżula taħt l-istess kondizzjonijiet.

Magħmula fi Brussel, fil-21 ta' Diċembru 1998.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. BARTENSTEIN

---